MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 273/2013

**Cranes and Commercial Sales Limited (C 5874)**

**vs**

**Jesmond Zerafa**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-13 ta’ Settembru 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hdax-il elf, erbgha mija u tnejn u tletin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€11,432.51) rapprezentanti, kwantu ghal hamest elef, u tlieta u sittin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€5,063.54) ghal bilanc ta’ soma akbar dovuta lis-socjeta rikorrenti mill-intimat u, kwantu ghal sitt elef, tlett mija u disgha u tletin Euro u sebgha u disghin centezmu (€6,369.97) rappresentanti Danni inklu telf ta’

qliegh sofferti mis-socjeta rikorrenti wara illi l-intimat irritorna Tractor Unit (Mechanical Horse) wara hames snin, minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz u bl-imghax kummercjali mill 15 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimati fil 21 ta' Ottubru 2013 (fol 7 tergo).

Illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 9).

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, erbgha mija u tnejn u tletin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€11,432.51) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax kummercjali mill-15 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-hlas effettic u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------